12 ta' Lulju, 1946.

Imħallef :

L-Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, LL.D.

**Luigi Spiteri Debono** *versus* **Joseph Spiteri Debono et.**

## Simulazzjoni — Rexissjoni — Preskrizzjoni.

*Biex tista' liġi ordnata r-rexissjoni ta' kuntratt hemm bżonn li dak il-kuntratt ikun jeżisti ġuridikament. Għaldaqstant, meta l-attur jippretendi li l-att huwa simulat, u jitlob li jiġi dikjarat li ma għandux eżistenza ġuridika għax il-partijiet qatt ma riedu jagħmluh serjament, mhix applikabili l-preskrizzjoni ta' ħames snin li l-liġi tippreskrivi għall-azzjoni ta' nullità jew rexissjoni ta' kuntratt fil-każijiet kollha fejn il-liġi ma tippreskrivix preskrizzjonijiet aqsar; imma hija applikabili l-preskrizzjoni ta' tletin sena.*

L-attur fit-taħrika talab li, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti li jkun hemm bżonn, jiġi dikjarat fittizju l-kuntratt li sar in atti tan-Nutar Edwin Pantalleresco fis-16 ta' Jannar 1932 (dok. A), bejnu, il-konvenuti Briffa u Agius, u l-mejjet Giovanni Emmanuele Spiteri Debono, awtur tal-konvenuti Joseph, Carmelina u Rosina Spiteri Debono, li bih hu ċeda lill-konvenuti Briffa - Agius, u lil ħuh Giovanni Emmanuele, awtur tal-konvenuti Joseph, Carmelina u Rosina Spiteri Debono, il-kwota ereditarja mill-wirt tal-ġenituri tiegħu Giuseppe u Giulia Spiteri Debono, u kwindi jiġi deċiż illi l-istess kuntratt huwa annullat u ma jipproduċix effetti legali bejn il-kontendenti, inkluż l-imsemmi Giovanni Emmanuele Spiteri Debono. Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti;

*Omissis;*

Il-Qorti semgħet bil-ġurament lill-attur, rat l-attijiet tal-kawża, u semgħet l-avukati;

L-attur jippretend li l-kuntratt in kwistjoni ġie magħmul fittizjament biex juri li mezzi ma kellux, peress li allura kellu kawżi kontra tiegħu għad-djun. Iżda meta l-attur xehed quddiem l-Imħallef Supplenti, huwa qal li dak il-kuntratt għamlu

fittizjament relativament għal ħuh biss. Dana jfisser li rigward il-kontraenti l-oħrajn, Camilla Agius u Tessie Briffa, simulazzjoni ma kienx hemm. F'dak il-kuntratt jidher li saret transazzjoni fuq il-wirt tal-ġenituri, u twellija da parti ta' l-attur ta' sehmu mill-wirt favur ħutu, u kompensazzjoni parzjali ta' djun li l-attur kellu mal-wirt ta' ġenitu riżultanti minn atti pubbliċi preċedenti. Iżda skond il-pretensjoni ta' l-attur ma kien hemm ebda intenzjoni li huwa u ħuh jagħmlu transazzjoni, u qatt ma riedu jagħmlu twellija, għax bejniethom ma kellhomx x'jittransiġu, u riedu jqarrqu b'terzi persuni biss mingħajr ma firrealtà jagħmlu trasferiment lil xulxin. Jekk dana fil-fatti ġarax tassew hekk hija kwistjoni ta' meritu tal-kawża. F'dan l-istadju l-Qorti tara kif inhi mpustata l-azzjoni biex tiddetermina jekk il-preskrizzjoni jew terminu nvokati mill-konvenuti hix applikabili jew le;

Kif inhi mpustata l-kwistjoni mill-attur, l-att huwa simulat għal Spiteri Debono, jiġifieri ineżistenti, u mhux fondat fuq difett ta' kunsens jew kawża. Inmela m'huwiex att rexindibili, għax biex tirrexindi att dana jrid ikun ġa jeżisti ġuridikament. Iżda dak li jrid l-attur huwa l-konstatazzjoni ġuridika ta' l-ineżistenza ta' li sar dekorativament biss mingħajr ebda ħajja ġuridika, għax suppost li l-partijiet qatt ma riedu jagħmluh serjament, u għamlu biss apparenza ta' negozju ġuridiku;

Fil-Kodiċi Ċivili Taljan, fl-art. 1300, hemm stabbilita preskrizzjoni ta' ħames snin għall-azzjoni ta' nullità u rexissjoni ta' kuntratt fil-każi kollha fejn il-liġi ma tistabbilixxix preskrizzjoni iqsar; u dak l-artikolu ġie kważi kostantement interpretat mill-awturi u mill-ġurisprudenza bħala mhux applikabili għall-kuntratti simulati. Il-Butera (Della Simulazione dei Negozi Giuridici, no. 154, p. 490-491) jgħid :— "Spesso la dottrina, e più ancora la giurisprudenza, hanno avuto occasione di stabilire esplicitamente che la prescrizione quinquennale di cui all'articolo 1300 Codice Civile non è applicabile all'azione di simulazione dei negozi giuridici, ma solo quella trentennale, segnatamente quando è diretta a trarre in luce il negozio vero, nascosto sotto l'apparenza di quello fittizio. La ragione consiste in ciò che l'atto simulato, non essendo mai esistito giuridicamente, neppure può ritenersi esistente dopo il decorso di cinque anni...... ...... Ora l'azione di simulazione non è affatto

un'azione di nullità e rescissione, *in senso tecnico*, ma un'azione di inefficacia in senso lato e particolare, affine all'azione pauliana, soggetta in ogni caso alla sola prescrizione trentennale, esclusa quella quinquennale";

Minn dana jidher li l-preskrizzjoni jew terminu nvokati mill-konvenuti mhumiex applikabili għall-azzjoni kif proposta;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti taqta' s-sentenza billi tiċħad l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni jew terminu; bl-ispejjeż kontra l-konvenuti Spiteri Debono.

---